A.L. 397 ta' l-2005

ATT DWAR IL-PROFESSJONIJIET TAS-SAĦĦA (KAP. 464)

Regolamenti ta' l-2005 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Ġbir ta' Drittijiet mill-Kumitat għall-Approvazzjoni ta' Speċjalisti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 51 ta' l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa, il-Ministru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2005 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ġbir ta' Drittijiet mill-Kumitat għall-Approvazzjoni ta' Speċjalisti, u dawn għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2005 dwar il-Ġbir ta' Drittijiet mill-Kumitat għall-Approvazzjoni ta' Speċjalisti, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 133 ta' l-2005.

Jemenda regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali il-kliem "għal kull applikazzjoni għal inserzjoni" għandhom jidħlu l-kliem "għal kull applikazzjoni ta' akkreditazzjoni".